MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2012

Numru. 37/2011

**Il-Pulizija
(Spettur Frank A. Tabone)**

**vs.**

**George Sultana**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmi George Sultana, ta' sebgha u sebghin sena, iben Giorgio u Evangelista' neé Zammit, imwieled fid-19 ta' Frar 1934 u residenti fil-fond Nru. 18, Triq ta' Wara s-Sur, Rabat Ghawdex, u detentur tal-karta tal-identita' numru

16834(G) li gie akkuzat talli nhar is-7 ta' Ottubru 2010, ghal habta tas-siegha ta' wara nofsinhar (13:00hrs) gewwa z-zona maghrufa bhala Ghar Ilma f'Kercem Ghawdex;

1. Volontarjament qabbad hruq f'bini, gharix, jew lok iehor imsemmi fl-Artikolu 316 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, izda filwaqt tad-delitt ma kien hemm l-ebda persuna u illi l-bini, gharix, jew lok iehor fejn waqt il-hruq setgha kien hemm xi persuni hemm gewwa (Artikolu 318 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara ma taqbizx l-ammont ta' mijja u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) ghad-detriment ta' Giuseppa Camilleri u persuni ohra (Artikolu 325 (1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkaguna hsara ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta (Artikolu 328 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (Dok. "C) li ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-istqarrija tal-imputat rilaxxata lil Pulizija (Dok. "F").

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni l-hruq indikat ma sehhx f'"bini" pero sehh f'ghalqa u li meta sehh ir-reat ma kien hemm l-ebda persuna fl-ghalqa.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra l-istess.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali tieghu, il-fatt li huwa kkoopera mal-Pulizija u kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 318, 325(1)(c) u 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u filwaqt li fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum, fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, tikkundanna lill-imputat ghal multa ta’ mitt Euro (€ 100.00).

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------